REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 221/2014

tas-7 ta' Marzu 2014

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 288/2009 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iffissar tal-allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna mill-Iskema tal-Frott u l-Ħxejjex fl-Iskejjel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013 jistabbilixxi l-ammont totali tal-għajnuna tal-Unjoni għall-għoti ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal kif imsemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] (minn hawn 'il quddiem "l-iskema tal-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel"). Barra minn hekk, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013 jiffissa r-rati massimi ta' kofinanzjament u l-ammont minimu ta' dik l-għajnuna għal kull Stat Membru.

(2) Il-Kummissjoni għandha tiffissa l-allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna mill-iskema tal-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel lil kull Stat Membru fuq il-bażi tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 23(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tevalwa perjodikament jekk l-allokazzjoni indikattiva tkunx għadha konsistenti ma' dawk il-kriterji.

(3) L-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 [3] jistabbilixxi l-ammont tal-allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna mill-Unjoni għal kull Stat Membru, ibbażat fuq il-baġit totali tal-Unjoni ta' EUR 90 miljun. Billi r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 iżid il-baġit totali għall-iskema tal-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel għal EUR 150 miljun u jiffissa rati ġodda ta' kofinanzjament, għandha tiġi ffissata allokazzjoni indikattiva ġdida.

(4) L-allokazzjoni indikattiva l-ġdida għandha tqis ukoll il-kriterji msemmija fl-Artikolu 23(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ibbażati fuq l-aktar dejta reċenti disponibbli mill-2012 fir-rigward tan-numru ta' tfal ta' bejn is-sitta u l-għaxar snin bħala proporzjon tal-popolazzjoni fir-reġjuni tal-Istat Membru.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 288/2009 għandu jiġi emendat skont dan. Minħabba l-istruttura perjodika tas-sena skolastika, l-allokazzjoni indikattiva l-ġdida għandha tibda tapplika mill-1 ta' Awwissu 2014.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda lir-Regolament (KE) Nru 288/2009

L-Anness II jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2014.

[1] ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 tas-7 ta' April 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-għajnuna Komunitarja għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi, fil-qafas tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel (ĠU L 94, 8.4.2009, p. 38).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

"ANNESS II

Allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna mill-Unjoni lil kull Stat Membru

Stat Membru	Ir-rata tal-kofinanzjament (f' %)	Tfal bejn is-6 u l-10 snin - numri assoluti	(EUR)
L-Awstrija	75 %	406 322	2 239 273
Il-Belġju	75 %	611 450	3 369 750
Il-Bulgarija	90 %	316 744	2 094 722
Il-Kroazja	90 %	205 774	1 360 845
Ċipru	75 %	44 823	290 000
Ir-Repubblika Ċeka	88 %	480 495	3 124 660
Id-Danimarka	75 %	328 182	1 808 638
L-Estonja	90 %	66 436	439 361
Il-Finlandja	75 %	290 308	1 599 911
Franza	76 %	4 051 279	22 500 145
Il-Ġermanja	75 %	3 575 991	19 707 575
Il-Greċja	81 %	529 648	3 143 600
L-Ungerija	86 %	482 160	3 031 022
L-Irlanda	75 %	319 126	1 758 729
L-Italja	80 %	2 853 098	16 719 794
Il-Latvja	90 %	95 861	633 957
Il-Litwanja	90 %	136 285	901 293
Il-Lussemburgu	75 %	29 473	290 000
Malta	75 %	19 511	290 000
Il-Pajjiżi l-Baxxi	75 %	986 118	5 434 576
Il-Polonja	88 %	1 802 733	11 645 350
Il-Portugall	85 %	527 379	3 284 967
Ir-Rumanija	89 %	1 054 185	6 869 985
Is-Slovakkja	89 %	262 703	1 709 502
Is-Slovenja	83 %	91 095	554 291
Spanja	75 %	2 337 457	12 939 604
L-Isvezja	75 %	518 322	2 856 514
Ir-Renju Unit	76 %	3 494 635	19 401 935
UE 28	**79 %**	**25 917 593**	**150 000 000**"